## Il-Fratellanza tal-Kunċizzjoni f' konflitti mal-Kanonku Alfons Caruana



*Il-bradella tal-vara tal-Madonna tal-Ġilju li żżanżnet fl-anniversarju tad-Domma fl-1954.*

Lejn l-aħħar tas-Seklu Dsatax, il-politika f' pajjiżna kienet bdiet tbaqbaq u l-konflitti bejn il-partiti politiċi li kien hawn wasslu biex nawwru l-għaqda f'ħafna mill-irħula Maltin. L-istess ġara fl-Imqabba. Il-konflitt kien immexxi fuq naħa mill-Kanonku Alfons Caruana, politiku Mqabbi li fl-1895 kien elett fil-Kunsill tal-Gvern, u Pawlu Caruana, negozjant tal-bhejjem u attivist tal-Partit Riformista ta' Sigismondo Savona.

Parti mill-ġlieda kienet torbot mad-deċiżjoni ta' l-Onorevoli Alfons Caruana li jneħħi s-salib tal-ġebel li kien ifakkar l-aggregazzjoni tal-Fratellanza tal-Kunċizzjoni ma' Ruma, u li aktar tard iressaq l-istatwa tal-Kunċizzjoni minn posta sabiex joħloq pjazza bil-bankijiet u s-siġar. Grupp ta' Mqabbin immexxija minn Pawlu Caruana mexxew ġlieda ħarxa dwar dan. Fil-31 ta' Mejju 1897 il-Gvernatur irċieva petizzjoni ffirmata minn 167 Imqabbi b' talba sabiex l-istatwa tal-Kunċizzjoni (li skond il-petizzjoni kienet tħallset mill-Kappillan Giacomo Tortella) ma titneħħiex.[7]

Il-każ ġie riferut lis-Supretendent tax-Xogħlijiet Pubbliċi li wieġeb li s-salib tal-ġebel kien ġie mneħħi mill-Kanonku Alfons Caruana fi żmien is-Supretendent ta' qablu u li hu kien ser iċaqlaq l-istatwa minn posta sakemm l-Awtoritajiet tal-Knisja ma jsibux oġġezzjoni. Iżda l-pressjoni mill-Imqabbin kompliet b' petizzjoni oħra iffirmata minn 177 persuna u li ntbgħatet lill-Gvernatur Freemantle fit-2 ta' Lulju 1897.[8] Probabli li l-petizzjoni intbgħatet annessa ma' ittra tal-kappillan Kalċidonju Schembri sabiex ikollha aktar piż.

Il-petizzjoni kienet tgħid hekk:

*His Excellency*
*Sir. A. J. Lyon Freemantle C.B.KCMG*
*General in Her Majesty's Army*
*Governor of Malta and its Dependencies,*
*And Commander-in-Chief over the Troops*
*Serving within the same ...*
*The Palace, Valletta*

*The Humble Petition of the inhabitants of Casal Micabiba, Malta*

*That there existed a stone statue representing Our Lady 'Madonna della Concezione' and a stone cross opposite the same. The locality denominated the rock "Mentna" between Casal Crendi and Micabiba, removed by Government authority.*

*That said statue and cross had existed in the locality referred to since the year 1775, and that the procurator from time to time representing the Confraternity of the aforementioned Statue and Cross, mantains and lights up the said Statue by means of pecuniary contribution to the same.*

*That the inhabitants of said village, per attached list are particularly devoted to the said Statue and Cross referred to, and, doth most humbly beg of Your Excellency in being pleased to sanction that same will be replaced in their original position and said inhabitants (petitioners) as in duty bound will pray.*

*Casal Micabiba*
*Malta, 2nd July 1897*

c/o Parish Priest of Village

L-isforz ma servew għal xejn għaliex Alfons Caruana li kellhu poter amministrattiv kbir baqa' għaddej bil-pjanijiet tiegħu. Dan joħroġ ċar minn diskors politiku li Pawlu Caruana għamel lill-attivisti fit-Tuneżija f' Ottubru 1897. Hu qal hekk:

*Tifħir speċjali għad li jien ninsab imbiegħed, irrid nagħti lil-partit tal-Poplu, lil komponenti il-Każin*

*tagħna ta' l-Imqabba li ma jegħejjux jaħdmu għal art twelidna; l-insolenza li irċieva il-poplu kollhu, u b' mod speċjali aħna l-Imqabbin u l-Qrendin għaliex rendewlna il-Mentna, minn lok ta' devozzjoni, fi pjazza, aħna għaliha għamilna dmirna kollu b' petizzjonijiet u ma irnexxilniex, iżda lil dak il-lupu governattiv ir-risposta u s-sodisfazzjoni natgħuilhu fl-elezzjoni, għaliex nispera li jispiċċaw għal kollox il-partiti, u r-raħal jerġgħa paċifiku bħal ma kien.*[9]

## Is-Seklu Għoxrin

Il-ferment li qajjmu l-kwistjonijiet fuq imsemmija irriżulta f' diviżjoni bejn il-partiti tal-festa u effettwa bil-kbir il-ħidma tal-Fratellanza tal-Kunċizzjoni u l-Fratellanzi l-oħra fil-lokal. Minkejja dan, is-sens qawwi ta' devozzjoni baqa' hemm. Għal bosta snin il-Fratellanzi kienu l-organizzaturi prinċipali tal-festi fl-Imqabba. Anke f' dak li hu armar ta' barra l-prokuraturi kienu responsabbli mill-kisba ta' permessi fi żmien meta l-każini kienu f' fażi ta' twaqqif. Insibu pereżempju lil Pawlu Xuereb, Prokuratur tal-Fratellanza ta' l-Immakulata Kunċizzjoni, jitlob permess lis-Supretendent tal-Pulizija sabiex jarma t-toroq għall-festa tal-Madonna tal-Ġilju tal-1909.[10] Applikazzjoni simili saret fl-24 ta' Lulju 1909 minn Dun Lawrenz Zammit għall-festa ta' Santa Marija.[11]

## Festi speċjali fl-1954

Il-festi li saru fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju tad-Domma ta' l-Immakulata Kunċizzjoni fl-1954 kienu tifkira xierqa ta' anniversarju mportanti. Fost il-konċessjonijiet mogħtija mill-Kurja kien hemm it-Transulazzjoni Solenni, Tliet Tridijiet kif ukoll it-Te Deum.[12]

Għall-istess festa l-Fratellanza tal-Kunċizzjoni żanżnet diversi opri għal ġewwa l-Knisja. Fost dawn ġiet inawgurata l-bradella l-ġdida xogħol Emmanuel Buhagiar minn Ħal Tarxien. Ir-rikors lill-Kurja kien sar mill-Prokuratur tal-Fratellanza Dun Ġużepp Xuereb fl-1952.[13] Minbarra xi problemi li kien hemm dwar il-permess mill-Kurja għal din il-bradella, nqalgħu wkoll intoppi peress li s-Sur Buhagiar kien beda jnaqqas minn saħħtu. Ta' kuljum fi triqtu lejn is-Seminarju fejn Dun Ġużepp kien jgħallem il-matematika, hu kien jgħaddi bil-karozza tiegħu għand Buhagiar u jwasslu sal-maħżen fejn kien jaħdem il-bradella.

Fl-istess sena żżanżnu wkoll il-forċini ta' l-istess bradella, l-istellarju ta' l-istatwa, il-bankun, is-salib kif ukoll il-lanterni ta' l-istess Fratellanza. Għal din l-okkażjoni Dun Frans Camilleri kiteb poeżija lill-Madonna tal-Ġilju sabiex tixtered aktar id-devozzjoni lejn il-Madonna taħt dan it-titlu tant sabiħ. Il-poeżija kellha l-isem 'Lill-Madonna tal-Ġilju fil-festa taċ-Ċentinarju tad-Domma tal-Kunċizzjoni Immakulata fl-Imqabba fis-16 ta' Mejju 1954'. Din il-poeżija ngħatat il-kunsens mill-Knisja fl-24 ta' April 1954 minn Fr. Bernardus Mallia O.F.M. Cap.[14]

Fl-1955 il-Banda Lily ħadet sehem fil-festi Ċentinarji u Ċinkwantenarji li saru ġewwa Bormla. Mistieden speċjali għal dawn il-festi kien l-Emm. Tiegħu l-Kardinal Federiku Tedeschini.[15] Il-Banda Lily ħadet sehem permezz ta' Programm Mużikali nhar il-25 ta' Lulju 1955.[16] Fl-istess sena l-vara tal-Kunċizzjoni magħrufa fl-Imqabba bħala 'l-vara l-kbira' intramat fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' Bormla, liema inizjattiva waslet fuq insistenza tas-Sur Salvu Magro, dak iż-żmien kuntrattur tad-dawl għall-festa tal-Madonna tal-Ġilju u illum wieħed mill-Presidenti Onorarji tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju.

## Konklużjoni

Mill-1954 sal-lum saru diversi attivitajiet u kien hemm diversi żviluppi. Mhux l-iskop ta' dan l-artiklu li nidħlu fuq dawn it-temi llum. Ħafna mill-attivitajiet ġew inklużi f'ħarġiet diversi ta' dan il-programm. Wieħed iżda ma jistax ma jurix tħassib għal kriżi li minnha għaddejjin il-Fratellanzi. Hi sfortuna li l-ftit li baqa' mhux qed isibu appoġġ. Hemm bżonn li wieħed jerġa' jagħti ħajja ġdida lil dawn in-nukleji. Hemm bżonn ta' statuti ġodda approvati mill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi. Jekk dan l-appoġġ mhux ser jingħata l-Fratellanzi ser imutu. Dan ikun ta' dannu għaliex l-enerġija li hi nvestitha fihom iddur fuq affarijiet oħra li probabli jkunu sekulari, u ta' anqas ġid spiritwali. J'Alla l-anniversarju ta' din is-sena jservi sabiex isir pjan għal riforma tal-Fratellanzi u strutturi ġodda li jkunu kompatibli maż-żminijiet tal-lum.

1 Informazzjoni mill-artiklu 'I Francescani al Gozo' f' *Melita Historica*, (1963), Vol. 3, no. 4.
2 Arkivju Arciveskovili ta' Malta (AAM), *Visti Pastorali*, 169-1700, ff. 497 v – 498 r.
3 Arkivju tal-Kattidral ta' l-Imdina (ACM), *Pastoralia* T. I, Vol. 180, fol. 208.
4 *Il-Fratellanza ta' l-Immakulata Kunċizzjoni - Privileġġi u Dokumenti*, (Malta, 1954), p. 12.
5 *Ibid.*, p. 15 '*... detta Congregazione, ed erigerla, supra firmam petram*'.
6 *Ibid.*, p. 16.
7 Arkivju Nazzjonali ta' Malta (NAM), CSG2/5980/1897.
8 Ibid., CSG2/6164/1897.
9 *Malta Tagħna*, 30 ta' Ottubru 1897, p. 3.
10 NAM, *PW 486*, Nru. 898.
11 Ibid., Nru. 1234.
12 *Programm tal-Festa tal-Madonna tal-Ġilju*, 1954.
13 AAM, *Suppliche 1952*, vol. iv., 625.
14 Poeżija ta' Dun Frans Camilleri ppublikata fl-1954.
15 *Tifkira tal-Festi Ċentinarji (1854-1954) u Ċinkwantenarji (1905-1955) li saru fil-belt Cospicua, Giov. Muscat 1955*, p. 38.
16 *Ibid.*, p. 32.